Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0580(CNS)

9.3.2026

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)
(COM(2025)0580 – C10-0207/2025 – 2025/0580(CNS))
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Tomáš Kubín

(Riformulazzjoni – Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 41

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 43

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI 44

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI.....46

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)
(COM(2025)0580 – C10-0207/2025 – 2025/0580(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2025)0580),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0207/2025),

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kamra tad-deputati Taljana, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta’ Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta’ kitba mill-ġdid tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tas-11 ta’ Diċembru 2025 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 113(3) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 113 u 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2026),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f’dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma’ dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-KUNSILL
dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)	dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk ***mhux maħdum, fuq it-tabakk manifatturat*** u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tapplika s-Sistema għall-Movimenti u għall-Kontrolli ta' Prodotti Soġġetti għas-Sisa (EMCS) għat-tabakk mhux maħdum u r-rapporteur jaqbel ma' dan l-approċċ. Id-Direttiva issa tittratta mhux biss it-tabakk manifatturat bħal qabel, iżda issa wkoll it-tabakk mhux maħdum. Ir-rapporteur għalhekk iqis li huwa xieraq li t-titolu tal-proposta jiġi kemxejn emendat sabiex ikun fih il-kliem "tabakk mhux maħdum".

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Kunsiderazzjoni 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,	Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***[1a]***,
	[1a] Opinjoni tat-18 ta' Frar 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal

Uffiċjali).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-relatur ried jieħu nota b'mod formali tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li ġiet adottata reċentement.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti, li ***jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk is-sostituti għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.	(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti, li ***jippreżentaw sfida għall-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk is-sostituti għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem , kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa , li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk . Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom bhiex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed jsiru dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem , kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa , li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk . Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom bhiex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed jsiru dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali. ***Min-naħa l-oħra, l-istudji[3a] juru li prodotti ġodda ġeneralment jagħmlu inqas ħsara mis-sigaretti kombustibbli tradizzjonali u jistgħu jgħinu lil dawk li jpejpu biex jitbiegħdu minnhom b'mod aktar faċli.***
[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.	[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.
[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004	[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004

tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)	tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)
	[3a] Ambildhok, Kadambari A et al. Assessing the Health Impacts of Heated Tobacco Products Compared to Traditional Tobacco Use: A Systematic Review of Current Evidence. (Valutazzjoni tal-Impatti fuq is-Saħħa tal-Prodotti tat-Tabakk Imħallta mal-Użu Tradizzjonali tat-Tabakk: Reviżjoni Sistematika tal-Evidenza Attwali). Cureus 17(10). DOI: 10.7759/cureus.95166
	Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Bħalissa, l-għoli tal-ħajja qed jiżdied madwar l-Unjoni. Meta jiġu stabbiliti livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni għall-prodotti tat-tabakk, huwa essenzjali li titqies in-natura rigressiva tat-taxxi fuq it-tabakk u l-piż finanzjarju sproporzjonat tal-użu tat-tabakk fuq gruppi tal-popolazzjoni b'introjtu baxx. Minħabba l-prevalenza ogħla tat-tipjip fost l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx u s-sehem ferm akbar tal-qligħ tagħhom li huma jonfqu fuq il-prodotti tat-tabakk, dawn huma ħafna aktar affettwati miż-żidiet fit-taxxa milli l-unitajiet domestiċi b'introjtu ogħla.
	Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk , distinti bil-karatteristiċi tagħhom u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.	(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom***, bir-riskji differenti tagħhom għas-saħħa*** u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti , tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip , tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi. ***Għandha ssir distinzjoni wkoll bejn sigarri u cigarillos biex tkun żgurata l-konsistenza legali u l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw is-sistemi tat-taxxa fejn ikun hemm bżonn biex tiġi evitata s-sostituzzjoni minħabba t-taxxa .***	(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti , tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta' sigaretti, sigarri**,**	(9) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta' sigaretti, sigarri ***u***

cigarillos , tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk ieħor għat-tipjip , tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk imsaħħan u tabakk manifatturat ieħor jenħtieġ li tkun stabbilita sabiex rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar jiġu ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar ***, sigarru ta’ 3 g massimu fil-piż kull wieħed jiġi ttrattat bħala cigarillo***, tabakk għat-tipjip li huwa simili f’ħafna modi għat-tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti jiġi ttrattat bħala tabakk imqatta’ fin , tabakk li jista’ jintuża f’pipa tal-ilma jiġi ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk li jissaħħan jew li jiġi attivat mod ieħor b’reazzjoni kimika jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan, tabakk preparat ieħor u intiż għall-konsum mill-bniedem jiġi ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor, u l-iskart tat-tabakk ikun definit b’mod ċar.	cigarillos, tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk ieħor għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk imsaħħan u tabakk manifatturat ieħor jenħtieġ li tkun stabbilita sabiex rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar jiġu ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar, tabakk għat-tipjip li huwa simili f’ħafna modi għat-tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti jiġi ttrattat bħala tabakk imqatta’ fin, tabakk li jista’ jintuża f’pipa tal-ilma jiġi ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk li jissaħħan jew li jiġi attivat mod ieħor b’reazzjoni kimika jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan, tabakk preparat ieħor u intiż għall-konsum mill-bniedem jiġi ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor, u l-iskart tat-tabakk ikun definit b’mod ċar.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta’ tabakk manifatturat u ta’ prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta’ tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw .	(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta’ tabakk manifatturat u ta’ prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta’ tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott***, fir-riskji għas-saħħa*** u fil-mod kif ***il-prodotti*** jintużaw.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, ***bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat (inflazzjoni bażi),*** kif ippubblikat mill-Eurostat. ***L-aġġustament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-inflazzjoni bażi aktar milli fuq l-inflazzjoni globali sabiex tiġi evitata volatilità eċċessiva potenzjali kkawżata minn żidiet sinifikanti fil-prezzijiet ta' beni aktar fluttwanti bħall-enerġija u l-ikel. Barra minn hekk, limitu massimu ta' aġġustament ta' 12 % jenħtieġ li jiżgura prevedibbiltà aħjar għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u għas-suq tal-prodotti tat-tabakk. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-inflazzjoni jenħtieġ li japplika biss wara tmiem il-perjodu tranżitorju biex jitnaqqas il-livell ta' kumplessità għall-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk , li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-	(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum

konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.

tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa. ***Għalhekk huwa tal-akbar importanza li wieħed iżomm f'moħħu l-impatt ta' rati minimi ġodda tad-dazju tas-sisa fuq il-kummerċ illeċitu u t-tkabbir tas-suq illeċitu. It-twettiq tal-objettivi tas-saħħa pubblika filwaqt li fl-istess ħin il-konsumaturi ma jiġux inċentivati biex ifittxu prodotti orħos fis-suq illeċitu huwa objettiv ewlieni. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'mod adegwat u bir-reqqa sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn, minħabba żidiet sinifikanti fir-rati minimi, il-konsumaturi jagħżlu li jiksbu prodotti tat-tabakk mis-suq illeċitu, li jwassal għal konsegwenzi negattivi potenzjali fuq id-dħul mit-taxxa u jwassal biex ma jkunx hemm titjib fis-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika.***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom. ***Bl-istess mod, iż-żieda ta' minima tal-UE għas-sigarri, għas-cigarillos u għal tabakk ieħor għat-tipjip jimmiraw biex inaqqsu d-diskrepanza mar-rata għas-***	(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom.

sigaretti, biex tintlaħaq konverġenza progressivament bejn il-prodotti u jiġi minimizzat ir-riskju ta' sostituzzjoni bejn prodott u ieħor. .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna ma nqisux li s-sigarri/cigarillos huma sostituti potenzjali għas-sigaretti. Iż-żewġ gruppi ta' prodotti huma kkaratterizzati minn xejriet differenti ħafna ta' konsum (frekwenza, okkażjoni), demografija tal-konsumaturi, rati ta' dipendenza eċċ.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Fir-rigward tas-sigarri u s-cigarillos, tali prodotti jiffurmaw segment tas-suq distint u marġinali b'sehem globali żgħir, b'potenzjal ta' sostituzzjoni bis-sigaretti limitat minħabba profili tal-konsumatur u xejriet ta' konsum differenti, u jiġu prodotti b'mod predominanti minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif ukoll minn negozji tal-familja b'għeruq fondi fl-ekonomiji reġjonali. Sabiex tiġi ppreservata l-proporzjonalità u tiġi evitata ħsara bla bżonn lil din il-kategorija niċċa, id-dazji tas-sisa minimi jenħtieġ li jirriflettu b'mod espliċitu dawn il-karatteristiċi uniċi, bħall-volum baxx tas-suq, użu okkażjonali aktar milli ta' kuljum, u sostituzzjoni minima bejn il-prodotti, filwaqt li jinżamm trattament tat-taxxa strutturalment u materjalment differenzjat mis-sigaretti.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-suq tas-sigarri u s-cigarillos, il-Kummissjoni jenħtieġ li, sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tivvaluta l-impatt tar-rati minimi l-ġodda tad-dazju tas-sisa applikabbli għas-sigarri u s-cigarillos fuq l-SMEs u l-manifatturi tal-familja, l-impjiegi reġjonali u l-ktajjen tal-provvista, u x-xejriet ta' sostituzzjoni. Fejn il-valutazzjoni turi impatti sproporzjonati fuq l-SMEs, il-manifatturi tal-familja jew l-impjiegi reġjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġusta r-rati minimi applikabbli jew l-istruttura ta' dawk ir-rati sabiex tiżgura l-proporzjonalità u żżomm differenzjal xieraq fir-rigward tas-sigaretti.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. ***Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu jiġi espress bħala ammont kull kilogramma jew ammont għal numru speċifikat ta' unitajiet skont it-tip ta'***	(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, ***jew*** bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern.

prodott ta' tabakk imsaħħan konċernat.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***b'rata ogħla għal-likwidi b'konċentrazzjoni ta' nikotina ogħla minn 15 mg/ml biex*** tirrifletti ***l-varjetà ta' prodotti u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself"***.	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***irrispettivament minn jekk fihomx in-nikotina. In-nuqqas tal-bżonn ta' verifika tal-kontenut tan-nikotina għandu jagħmel l-infurzar u s-superviżjoni aktar faċli għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali. Skont Proġett Ewropew reċenti ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn, kważi nofs l-istudenti Ewropej ippruvaw is-sigaretti elettroniċi mill-inqas darba f'ħajjithom u 22 % tal-istudenti kienu użawhom fl-aħħar xahar[1a]. Il-politika ta' tassazzjoni jenħtieġ li għalhekk*** tirrifletti ***l-attrazzjoni dejjem tikber tas-sigaretti elettroniċi għaż-żgħażagħ***.
	[1a] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi. Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn (ESPAD). euda.europa.eu. p. 18. Disponibbli fuq: https://www.euda.europa.eu/publications/data-factsheets/espad-2024-key-findings_mt

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Perjodi tranżizzjonali ta' ***4*** snin għas-sigarri, għas-cigarillos, għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk għat-tipjip ieħor, għat-tabakk manifatturat ieħor, għall-boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina b'żieda fid-dazju tas-sisa wara ***sentejn*** jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-Istati Membri jadattaw ruħhom mingħajr problemi għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli.	(29) Perjodi tranżizzjonali ta' ***ħames*** snin għas-sigarri, għas-cigarillos, għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk għat-tipjip ieħor, għat-tabakk manifatturat ieħor, għall-boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina b'żieda fid-dazju tas-sisa wara ***tliet snin*** jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-Istati Membri jadattaw ruħhom mingħajr problemi għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u trasparenza, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex temenda r-rati minimi tal-Unjoni stabbiliti minn din id-Direttiva sabiex jirriflettu l-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[4]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-	(34) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u trasparenza, jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex temenda r-rati minimi tal-Unjoni stabbiliti minn din id-Direttiva sabiex jirriflettu l-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur***, bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat (inflazzjoni bażi***). Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[4]. B'mod partikolari, biex tiġi

dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.	żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
[4] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.	[4] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu stipulati livelli minimi għal prodotti ġodda ta' tabakk u nikotina bl-objettiv li jitnaqqsu d-differenzjali ta' taxxa eżistenti filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tas-suq kurrenti u futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina din id-Direttiva, filwaqt li tqis ir-reviżjoni futura tad-Direttiva 2014/40/UE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk), u tikkunsidra l-ekwalizzazzjoni possibbli tal-livelli ta' tassazzjoni għal kategoriji differenti ta' prodotti, iż-żieda tal-livelli minimi ta' tassazzjoni għat-tabakk imsaħħan u prodotti relatati mat-tabakk imsemmija fl-Artikoli 20(2)(f) u 22 kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-opinjoni tagħna, mhuwiex abbozzar legali sod li jiġi preżunt fir-riformulazzjoni attwali liema deċiżjonijiet għandha tieħu l-Kummissjoni fil-futur. Barra minn hekk, l-ewwel nett mhuwiex ċar għaliex l-ugwalizzazzjoni tal-livelli ta' tassazzjoni għal kategoriji differenti ta'

prodotti hija meħtieġa u mixtieqa.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Article 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) sigarri;	(b) sigarri ***u cigarillos***;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) cigarillos;	***imħassar***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) tabakk tal-pipa tal-ilma

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal spjegazzjoni ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda 27.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tabakk tal-pipa tal-ilma;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal spjegazzjoni ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda 27.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-cigarillos huma sigarri b'piż massimu ta' 3 g kull wieħed.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu sar obsolet minħabba li tħassret id-distinzjoni bejn is-sigarri u s-cigarillos, li l-Kummissjoni pproponiet. Ir-rapporteur ma jarax mertu fid-distinzjoni bejn is-sigarri u s-cigarillos peress li xorta waħda jiġu ntaxxati bl-istess mod. Ir-rapporteur jipproponi li jkun hemm kategorija waħda ta' "sigarri u cigarillos" u għalhekk il-piż massimu ta' 3 g m'għadux meħtieġ.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) skart tat-tabakk impoġġi għall-bejgħ bl-imnut li ma jaqax taħt ***l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(1)*** u li jista' jiġi mpejjep. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, skart tat-	(b) skart tat-tabakk impoġġi għall-bejgħ bl-imnut li ma jaqax taħt ***l-Artikoli 3(1), 4(1), 7(1) u 8*** u li jista' jiġi mpejjep. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, skart tat-

tabakk għandu jiġi kkunsidrat bħala fdal mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksuba mill-ipproċessar tat-tabakk jew mill-manifattura ta' prodotti tat-tabakk.	tabakk għandu jiġi kkunsidrat bħala fdal mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksuba mill-ipproċessar tat-tabakk jew mill-manifattura ta' prodotti tat-tabakk.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija kjarifika teknika li tispeċifika li l-iskart tat-tabakk jista' jitqies bħala tabakk għat-tipjip biss jekk ma jaqax taħt id-definizzjonijiet ta' sigaretti, sigarri/cigarillos, tabakk imsaħħan jew tabakk manifatturat ieħor.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Tabakk għat-tipjip li jinbiegħ jew li huwa maħsub biex jinbiegħ għall-użu f'pipa tal-ilma għall-produzzjoni ta' emissjonijiet li jiġu mgħoddija minn likwidu qabel l-inalazzjoni mill-utenti għandu jitqies bħala "tabakk tal-pipa tal-ilma".

Or. en

Ġustifikazzjoni

The definition of 'waterpipe tobacco' has been revised and relocated. Specifically, the word "can" has been replaced with "sold or intended to be sold" to close an existing loophole explained below. Having 'waterpipe tobacco' as a separate category (Commission version) creates a potential issue: virtually all smoking tobacco could be classified as waterpipe tobacco whenever it is physically possible to use it in a waterpipe, regardless of the manufacturer's intended purpose. Since the proposed minimum tax rate for waterpipe tobacco is lower than the rate for other smoking tobacco and for fine-cut tobacco for the rolling of cigarettes, this creates a significant risk for tax administrations. Manufacturers and importers could claim that their products "can" be used in a waterpipe — even when this is not their intended or primary use — and thereby qualify for the lower tax rate. Therefore, we adapted the definition and put waterpipe tobacco under 'smoking tobacco' to close this loophole.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk tal-pipa tal-ilma" tfisser tabakk li jista' jintuża f'pajp tal-ilma għall-produzzjoni ta' emissjonijiet li jiġu mgħoddija minn likwidu qabel ma jingħibed man-nifs mill-utenti.	
2. Prodotti magħmula kollha kemm huma jew parzjalment minn sustanzi li mhux tabakk iżda li xorta jaqgħu taħt id-definizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandhom ikunu meqjusa bħala tabakk tal-pipa tal-ilma.	
3. Prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti kemm fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu kif ukoll fl-Artikolu 5, u li jistgħu jintużaw kemm permezz ta' pipa tal-ilma bħala tabakk tal-pipa tal-ilma kif ukoll bħala tabakk għat-tipjip għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk għat-tipjip.	
4. Prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu kif ukoll fl-Artikolu 7, u li jistgħu jintużaw kemm permezz ta' pipa tal-ilma bħala tabakk tal-pipa tal-ilma kif ukoll bħala tabakk imsaħħan, għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk imsaħħan.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda 16 (definizzjoni mċaqalqa u aġġustata tat-tabakk tal-pipa tal-ilma).

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk imsaħħan" tfisser tabakk li huwa msaħħan jew attivat mod ieħor b'reazzjoni kimika jew b'xi mezz ieħor biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina jew kimiċi oħra, maħsuba għall-inalazzjoni mill-utenti, ħlief permezz ta' pipa tal-ilma kif imsemmi fl-Artikolu ***6(1)***.	1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk imsaħħan" tfisser tabakk li huwa msaħħan jew attivat mod ieħor b'reazzjoni kimika jew b'xi mezz ieħor biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina jew kimiċi oħra, maħsuba għall-inalazzjoni mill-utenti, ħlief permezz ta' pipa tal-ilma kif imsemmi fl-Artikolu ***5(2a)***.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Jekk it-tabakk imsaħħan jiġi ntaxxat għal kull biċċa f'konformità mal-Artikolu 20(1), il-punt (b), biċċa tat-tabakk imsaħħan imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, għall-finijiet tad-dazju tas-sisa, titqies bħala żewġ biċċiet fejn il-kontenut tat-tabakk ikun ogħla minn 0,45 gramma iżda mhux ogħla minn 0,75 gramma, bħala tliet biċċiet fejn il-kontenut tat-tabakk ikun ogħla minn 0,75 gramma iżda mhux ogħla minn 1,05 gramma, u li tkun biċċa waħda addizzjonali għal kull 0,3 gramma ta' kontenut tat-tabakk minn 1,05 gramma 'l fuq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu niżguraw li r-rati minimi l-ġodda tad-dazju tas-sisa ma jiġux evitati billi l-"istikek" tat-tabakk imsaħħan jew l-oġġetti jsiru akbar/itqal u xorta waħda jiġu ntaxxati bħala biċċa

waħda. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ssemmi li l-piż medju ta' stikka tat-tabakk imsaħħna huwa ta' madwar 0,3 g (paġna 101); għalhekk stabbilixxejna l-limiti li ġejjin biex niżguraw tassazzjoni ġusta ta' stikek potenzjalment akbar.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sigarett elettroniku" tfisser prodott li jista' jintuża għall-konsum ta' fwar ***permezz ta' bokkin***, jew kwalunkwe komponent ta' dak il-prodott***, inkluż skartoċċ, tank u apparat mingħajr skartoċċ jew tank u*** li jista' jintrema jew jerġa' jimtela ***permezz ta' kontenitur jew tank ta' rikarika,*** jew li jista' jerġa' jiġi ċċarġjat ***bi skratač li jintużaw darba biss***.	2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sigarett elettroniku" tfisser prodott li jista' jintuża għall-konsum ta' fwar, jew kwalunkwe komponent ta' dak il-prodott li jista' jintrema jew jerġa' jimtela, jew li jista' jerġa' jiġi ċċarġjat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv hawnhekk huwa li tingħalaq lakuna potenzjali u li d-definizzjoni ssir wiesgħa kemm jista' jkun.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "boroż tan-nikotina" tfisser prodotti li fihom in-nikotina maħsuba għall-konsum orali ***li huma mħallta ma'*** fibri veġetali jew sottostrat ekwivalenti, li huma ppreżentati f'porzjonijiet fi qratas jew qratas poruži jew f'format ekwivalenti u li ma fihomx tabakk.	1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "boroż tan-nikotina" tfisser prodotti li fihom in-nikotina maħsuba għall-konsum orali ***u*** fibri veġetali jew sottostrat ekwivalenti, li huma ppreżentati f'porzjonijiet fi qratas jew qratas poruži jew f'format ekwivalenti u li ma fihomx tabakk.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv huwa għal darb' oħra li tingħalaq lakuna potenzjali. Il-produttur teoretikament ma setax iħallat l-ingredjenti u jagħti struzzjonijiet lill-konsumatur biex iħallat dawn l-ingredjenti eżatt qabel l-użu, u b'hekk jevita d-definizzjoni ta' boroż tan-nikotina bħala prodott taxxabbli. Għalhekk nissuġġerixxu li titħassar ir-referenza għat-taħlit.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rata tal-Unjoni użata biex jiġi ddeterminat il-livell minimu ta' taxxa ta' prodott, kif previst fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) għandha tiġi aġġustata billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali matul t-3 snin kalendarji preċedenti fil-valur medju annwali kumplessiv tal-Unjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumaturi kif ippubblikat mill-Eurostat.	2. Ir-rata tal-Unjoni użata biex jiġi ddeterminat il-livell minimu ta' taxxa ta' prodott, kif previst fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) għandha tiġi aġġustata billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali matul t-3 snin kalendarji preċedenti fil-valur medju annwali kumplessiv tal-Unjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumaturi***, bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat,*** kif ippubblikat mill-Eurostat. ***Ir-rata tal-Unjoni użata biex jiġi ddeterminat il-livell minimu ta' taxxa ta' prodott ma għandhiex tiġi aġġustata b'aktar minn 12 %.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għad-dettalji dwar l-inflazzjoni bażi ara l-premessa 13. Il-limitu massimu tal-aġġustament massimu b'12 % għandu l-għan li jagħmel l-adattamenti tar-rati minimi aktar prevedibbli u inqas volatili.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-parti tar-rata minima espressa bħala ammont għal kull kilogramma, għal kull millilitru, jew għal għadd partikolari ta' unitajiet applikabbli fi Stat Membru għandha tkun is-somma ta' ***terz tar-rata*** tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti mmultiplikata bl-indiċi tal-livell tal-prezzijiet diviż b'mija flimkien ma' ***żewġ terzi tar-rata*** tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti. L-indiċi tal-livell tal-prezzijiet tfisser l-indiċi ppubblikat minn Eurostat li jesprimi l-livell tal-prezzijiet ta' Stat Membru partikolari għall-konsum individwali attwali meta mqabbel mal-medja ponderata tal-UE. L-Istati Membri għandhom jużaw l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet tas-sena ta' qabel is-sena tal-aġġustament.	3. Il-parti tar-rata minima espressa bħala ammont għal kull kilogramma, għal kull millilitru, jew għal għadd partikolari ta' unitajiet applikabbli fi Stat Membru għandha tkun is-somma ta' ***nofs ir-rata*** tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti mmultiplikata bl-indiċi tal-livell tal-prezzijiet diviż b'mija flimkien ma' ***nofs ir-rata*** tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti. L-indiċi tal-livell tal-prezzijiet tfisser l-indiċi ppubblikat minn Eurostat li jesprimi l-livell tal-prezzijiet ta' Stat Membru partikolari għall-konsum individwali attwali meta mqabbel mal-medja ponderata tal-UE. L-Istati Membri għandhom jużaw l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet tas-sena ta' qabel is-sena tal-aġġustament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nemmnu li l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet huwa għodda utli biex ir-rati minimi jsiru aktar ġusti madwar l-Istati Membri b'sitwazzjonijiet ekonomiċi differenti ħafna. Għalhekk, għandu jissaħħaħ u l-ponderazzjoni tiegħu fil-kalkolu tar-rata minima finali għandha tiżdied minn terz għal nofs.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda r-rati minimi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) b'tali mod li jirriflettu l-aġġustament li jkun sar f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***kull sena, sat-28 ta' Frar,*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda r-rati minimi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) b'tali mod li jirriflettu l-aġġustament li jkun sar f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. ***L-Istati Membri għandhom japplikaw il-livelli ta'***

taxxa minimi ġodda mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena tal-adozzjoni tal-att delegat rispettiv.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-paragrafi 1–5 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-perjodi tranżizzjonali stabbiliti bl-Artikolu 20(4) u (5) u l-Artikolu 22(3) u (4)***.	6. ***Il-paragrafu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2036***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-indiċjar tar-rati minimi tat-taxxa fil-livell tal-UE huwa element kompletament ġdid li jagħmel id-Direttiva valida għall-futur iżda li jżid ukoll il-kumplessità għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri. Għalhekk, iddeċidejna li napplikaw id-dispożizzjoni dwar l-indiċjar (paragrafu 2) wara tmiem il-perjodu tranżitorju u l-perjodu sussegwenti ta' tliet snin kalendarji.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dazju tas-sisa kumplessiv fuq is-sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas ***63 %*** tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dak id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn mir-rata tal-Unjoni ta' EUR 215 kull 1000 sigarett , aġġustata skont l-Artikolu 12, irrispettivament mill-prezz medju ponderattal-bejgħ bl-imnut.	Id-dazju tas-sisa kumplessiv fuq is-sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas ***60 %*** tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dak id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn mir-rata tal-Unjoni ta' EUR 215 kull 1000 sigarett , aġġustata skont l-Artikolu 12, irrispettivament mill-prezz medju ponderattal-bejgħ bl-imnut.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal xi Stati Membri, l-objettiv ta' 63 % ma jistax jintlaħaq. Minħabba n-nuqqas ta' perjodu tranżitorju għas-sigaretti, jeħtieġ li l-persentaġġ jitnaqqas għal 60 %.

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 274 għal kull 1000 sigarett , aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12, fuq il-bażi tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, ma għandomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit ta' ***63 %*** dazju tas-sisa kumplessiv tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu .	Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 274 għal kull 1000 sigarett, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12, fuq il-bażi tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, ma għandomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit ta' ***60 %*** dazju tas-sisa kumplessiv tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu .

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sigarri	(a) sigarri ***u cigarillos;***

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) cigarillos;	***imħassar***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tabakk ***ieħor*** għat-tipjip;	(d) tabakk għat-tipjip***, inklużi:***
	(i) it-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti;
	(ii) it-tabakk tal-pipa tal-ilma;
	(iii) tabakk ieħor għat-tipjip;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tabakk tal-pipa tal-ilma;	***imħassar***

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2 – tabella

Test propost mill-Kummissjoni			
(a)	sigarri	:	***40 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 143*** għal kull ***1000*** unità jew għal kull kilogramma , aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12 ;
(b)	***cigarillos;***	***:***	***40 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 143 għal kull 1000 unità jew għal kull kilogramma , aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;***
(c)	tabakk imqatta rqiq għall-brim tas-sigaretti	***:***	***62 %*** tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut ta' tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 215*** għal kull kilogramma , aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12 ;
(d)	tabakk ***ieħor*** għat-tipjip	:	50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 143 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.
(e)	tabakk tal-pipa tal-ilma	:	***50 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 107*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(f)	tabakk imsaħħan	:	***55 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 108*** għal kull 1 000 unità, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12; ***55 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 155*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(g)	tabakk manifatturat ieħor	:	***50 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 143*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.

Emenda			
(a)	sigarri ***u cigarillos***	:	***15 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 54*** għal kull ***1 000*** unità jew għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(d)	tabakk tat-tipjip:		
(i)	tabakk imqatta rqiq għall-brim tas-sigaretti	:	***50 %*** tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut ta' tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 180*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(ii)	tabakk tal-pipa tal-ilma	:	***33 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 80*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.
(iii)	tabakk ieħor għat-tipjip	:	***35 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 110*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.
(f)	tabakk imsaħħan	:	***40 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 80*** għal kull 1 000 unità, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12; ***jew 40 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 260*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.
(g)	tabakk manifatturat ieħor	:	***35 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' ***EUR 110*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru ***2029***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR 12	4. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru ***2030***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR 12

għal kull 1 000 unità jew għal kull kilogramma jew 5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għas-sigarri ***jew is-cigarillos***, mill-inqas EUR 22 għal kull kilogramma jew 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għat-tabakk ieħor tat-tipjip u t-tabakk tal-pipa tal-ilma, mill-inqas EUR ***88*** kull 1 000 unità jew EUR ***125*** kull kilogramma jew ***45 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għat-tabakk imsaħħan, u mill-inqas EUR 0 għal kull kilogramma jew 0 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għal tabakk manifatturat ieħor.

għal kull 1 000 unità jew għal kull kilogramma jew 5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għas-sigarri ***u s-cigarillos***, mill-inqas EUR 22 għal kull kilogramma jew 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għat-tabakk ieħor tat-tipjip u t-tabakk tal-pipa tal-ilma, mill-inqas EUR ***58*** kull 1 000 unità jew EUR ***83*** kull kilogramma jew ***20 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għat-tabakk imsaħħan, u mill-inqas EUR 0 għal kull kilogramma jew 0 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għal tabakk manifatturat ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perjodu ta' tranżizzjoni jittawwal b'sena. Biex wieħed jasal għar-rati finali mixtieqa għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan kif stabbilit fit-tabella fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2, ir-rati li japplikaw matul il-perjodu tranżitorju ġew adattati b'konsegwenza.

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar ***2030*** sal-31 ta' Diċembru ***2031***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR ***71,5*** għal kull 1 000 unità jew kull kilogramma jew ***20 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għas-sigarri ***jew is-cigarillos***, mill-inqas EUR 71,5 għal kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għat-tabakk ieħor għat-tipjip, mill-anqas EUR 54 kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għat-tabakk tal-pipa tal-ilma mill-anqas EUR ***98*** kull 1 000 unità jew EUR ***140*** kull kilogramma jew ***50 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għat-tabakk	5. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar ***2031*** sal-31 ta' Diċembru ***2032***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR ***24*** għal kull 1 000 unità jew kull kilogramma jew ***10 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għas-sigarri ***u s-cigarillos***, mill-inqas EUR 71,5 għal kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għat-tabakk ieħor għat-tipjip, mill-anqas EUR 54 kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għat-tabakk tal-pipa tal-ilma mill-anqas EUR ***68*** kull 1 000 unità jew EUR ***97*** kull kilogramma jew ***30 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għat-tabakk

imsaħħan, u mill-inqas EUR 71,5 għal kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha għal tabakk manifatturat ieħor.	imsaħħan, u mill-inqas EUR 71,5 għal kull kilogramma jew 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha għal tabakk manifatturat ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perjodu ta' tranżizzjoni jittawwal b'sena. Biex wieħed jasal għar-rati finali mixtieqa għas-sigarri u s-cigarillos u għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan kif stabbilit fit-tabella fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2, ir-rati li japplikaw matul il-perjodu tranżitorju ġew adattati b'konsegwenza.

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-każ tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull millilitru;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni hija aktar speċifika u aktar adattata għal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull kilogramma;	(b) ***fil-każ ta' borož tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina,*** dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull kilogramma***, jew alternattivament għal għadd speċifikat ta' oġġetti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv huwa li jiġi introdott approċċ imfassal apposta għal kull kategorija ta' prodotti u li jkun speċifiku kemm jista' jkun.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) taħlita ***tat-tnejn***, li tgħaqqad element *ad valorem* u element speċifiku.	(c) taħlita ***ta' (a) u (aa), jew (a) u (b), skont il-każ***, li tgħaqqad element *ad valorem* u element speċifiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv huwa li jiġi introdott approċċ imfassal apposta għal kull kategorija ta' prodotti u li jkun speċifiku kemm jista' jkun.

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-dazju tas-sisa kumplessiv fuq likwidi għas-sigaretti elettroniċi, espress bħala persentaġġ jew bħala ammont għal kull millilitru, għandu jkun mill-inqas ***ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:***	2. Il-dazju tas-sisa kumplessiv fuq likwidi għas-sigaretti elettroniċi***, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le***, espress bħala persentaġġ jew bħala ammont għal kull millilitru, għandu jkun mill-inqas ***40 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,36 għal kull millilitru, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-infurzar tad-Direttiva jsir aktar fattibbli għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, iddeċidejna li nintroduċu l-istess livelli ta' tassazzjoni għal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi (vapes) irrispettivament mill-kontenut tan-nikotina tal-likwidu. L-awtoritajiet fiskali u doganali ma jkollhomx għalfejn jeżaminaw il-kontenut tan-nikotina sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom.

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) likwidi li fihom minn 0 mg ta' nikotina kull millilitru sa massimu ta' 15 mg ta' nikotina għal kull millilitru: 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,12 għal kull millilitru, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;	***imħassar***

Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) likwidi li fihom aktar minn 15 mg ta' nikotina għal kull millilitru: 40 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,36 għal kull millilitru, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.	***imħassar***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar 2030, id-dazju tas-sisa kumplessiv, espress bħala persentaġġ ***jew*** bħala ammont kull kilogramma, għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:	Mill-1 ta' Jannar 2030, id-dazju tas-sisa kumplessiv, espress bħala persentaġġ***,*** bħala ammont għal kull kilogramm ***jew għal għadd speċifikat ta' oġġetti***, għandu jkun mill-anqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stipulati għal:

Or. en

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) boroż tan-nikotina: ***25 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR ***71,5*** għal kull kilogramma;	(a) boroż tan-nikotina: ***20 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR ***57*** għal kull kilogramma;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri biss diġà introduċew dazju tas-sisa fuq il-boroż tan-nikotina. Għalhekk huwa meħtieġ li titnaqqas ftit il-veloċità tal-intaxxar tagħhom.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prodotti oħra tan-nikotina: ***25 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha.	(b) prodotti oħra tan-nikotina: ***20 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mill-1 ta' Jannar ***2032***, l-Istati Membri msemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa kumplessiv, espress bħala persentaġġ ***jew*** bħala ammont kull kilogramma, għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:	4. Mill-1 ta' Jannar ***2033***, l-Istati Membri msemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa kumplessiv, espress bħala persentaġġ***,*** bħala ammont kull kilogramma ***jew għal għadd speċifikat ta' oġġetti***, għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:

Or. en

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) boroż tan-nikotina: ***50 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR ***143*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;	(a) boroż tan-nikotina: ***35 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR ***100*** għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri biss diġà introduċew dazju tas-sisa fuq il-boroż tan-nikotina. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stess tiddikjara fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha li r-rati proposti għall-boroż tan-nikotina jistgħu jwasslu għal "kollass tas-suq" f'xi Stati Membri (paġna 103). Huwa jeħtieġ li r-rati minimi finali jinżammu fattibbli u aktar realistiċi.

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prodotti oħra tan-nikotina: ***50 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inkluż it-taxxi*** kollha.	(b) prodotti oħra tan-nikotina: ***35 %*** tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ***inklużi t-taxxi*** kollha.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk li reġgħu nħadmu mill-produttur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija żieda teknika ħafna li tindirizza sitwazzjonijiet meta l-Istati Membri jibdlu d-dazji tas-sisa fuq prodotti b'bolol tat-taxxa (eż. sigaretti). F'każijiet bħal dawn, il-prodotti li jkollhom bolla tat-taxxa li tirrifletti r-rata preċedenti (aktar baxxa) tad-dazju tas-sisa ma għandhomx jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni ladarba jkun intemm il-perjodu tranżitorju. Għal din ir-raġuni, il-magazzinieri awtorizzati u operaturi ekonomiċi rilevanti oħra huma intitolati għal rifużjoni tad-dazju tas-sisa diġà mħallas, sakemm il-prodotti jiġu rtirati mis-suq u jinqerdu taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom, meta jintalbu, jissottomettu lill-Kummissjoni informazzjoni disponibbli meħtieġa biex	L-Istati Membri għandhom, meta jintalbu, jissottomettu lill-Kummissjoni informazzjoni disponibbli meħtieġa biex

jiġi ppreparat ir-rapport***, inkluż l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkumparati l-ammont ta' sisa miġbur u l-ammont ta' sisa dovut kull sena fit-territorju tagħhom***.	jiġi ppreparat ir-rapport.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nemmnu li l-Kummissjoni għandha biżżejjed għarfien espert u riżorsi biex tiġbor din l-informazzjoni waħedha. Barra minn hekk, aħna ma nqisux li tali informazzjoni hija meħtieġa biex il-Kummissjoni tħejji r-rapport rilevanti.

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jenħtieġ li jiġu stipulati livelli minimi għal prodotti ġodda ta' tabakk u nikotina bl-objettiv li jitnaqqsu d-differenzjali ta' taxxa eżistenti filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tas-suq kurrenti u futuri. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien bla bżonn, tirrieżamina din id-Direttiva, filwaqt li tqis ir-reviżjoni futura tad-Direttiva 2014/40/UE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk), u tikkunsidra l-ekwalizzazzjoni possibbli tal-livelli ta' tassazzjoni għal kategoriji differenti ta' prodotti, iż-żieda tal-livelli minimi ta' tassazzjoni għat-tabakk imsaħħan u prodotti relatati mat-tabakk imsemmija fl-Artikoli 20(2)(f) u 22 kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-opinjoni tagħna, mhuwiex abbozzar legali sod li jiġi preżunt fir-riformulazzjoni attwali liema deċiżjonijiet għandha tieħu l-Kummissjoni fil-futur. Barra minn hekk, l-ewwel nett mhuwiex ċar għaliex l-ugwalizzazzjoni tal-livelli ta' tassazzjoni għal kategoriji differenti ta' prodotti hija meħtieġa u mixtieqa.

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 28a
	Sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tar-rati minimi l-ġodda tad-dazju tas-sisa applikabbli għas-sigarri u s-cigarillos fuq l-SMEs, fuq il-manifatturi tal-familja, fuq l-impjiegi reġjonali, il-ktajjen tal-provvista, u x-xejriet ta' sostituzzjoni. Fejn il-valutazzjoni turi impatti sproporzjonati fuq l-SMEs, il-manifatturi tal-familja jew l-impjiegi reġjonali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġusta r-rati minimi applikabbli jew l-istruttura ta' dawk ir-rati sabiex tiżgura l-proporzjonalità u żżomm differenzjal xieraq fir-rigward tas-sigaretti.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tabakk (TTD) għandha l-għan li taġġorna r-regoli dwar it-tassazzjoni fuq it-tabakk kemm f'termini ta' rati minimi tad-dazju tas-sisa kif ukoll billi tinkludi prodotti ġodda relatati mat-tabakk li tfaċċaw mill-aħħar rieżami tat-TTD. Minħabba l-objettiv doppju li jiġu żgurati kemm il-funzjonament xieraq tas-suq intern kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, huwa meħtieġ li jinstab ekwilibriju ambizzjuż iżda fattibbli u realistiku wkoll. Ir-Rapporteur naturalment jifhem il-ħtieġa ta' rieżami tar-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk fl-UE – ir-rati minimi qed isiru obsoleti minħabba żidiet fil-pagi u l-inflazzjoni, daħlu prodotti ġodda fis-suq u huwa mixtieq ċertu livell ta' armonizzazzjoni madwar l-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq it-tabakk jista' jkollha impatt fuq is-saħħa pubblika.

Madankollu, huwa essenzjali li jinstab il-bilanċ it-tajjeb. Iż-żieda fir-rati minimi ta' tassazzjoni trid issir b'attenzjoni u b'mod maħsub, filwaqt li jitqiesu l-effetti kollha possibbli fuq il-konsumaturi, l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u s-suq tal-prodotti tat-tabakk. L-effettività tad-dazji tas-sisa tiddependi mhux biss fuq il-livell tar-rati minimi, iżda wkoll fuq il-pass, l-istruttura u l-prevedibbiltà tal-implimentazzjoni tagħhom. Aġġustamenti eċċessivament ta' malajr jew riġidi jistgħu jfixklu s-swieq legali u jżidu l-inċentivi għall-kummerċ illeċitu, u b'hekk jimminaw kemm l-objettivi tal-ġbir tad-dħul kif ukoll dawk tal-infurzar. Huwa għalhekk li r-Rapporteur jipproponi żieda aktar gradwali u prammatika tar-rati minimi.

Kunsiderazzjoni ċentrali tar-Rapport hija t-trattament differenzjat tal-prodotti abbażi tal-karatteristiċi, tar-riskji għas-saħħa u tax-xejriet tal-użu tagħhom. Il-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diversità tal-prodotti tat-tabakk u tan-nikotina u tintroduċi strutturi speċifiċi tat-taxxa għal kategoriji individwali. Ir-Rapporteur jappoġġja dan l-approċċ differenzjat u jqis li huwa essenzjali li dejjem jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' prodotti differenti tat-tabakk.

Ir-Rapport jindirizza wkoll il-bilanċ bejn l-objettivi tas-saħħa pubblika u l-istruttura tat-taxxa. L-evidenza tissuġġerixxi li xi prodotti mhux kombustibbli jistgħu jippreżentaw riskji aktar baxxi mis-sigaretti tradizzjonali u jistgħu jikkontribwixxu għal konsum imnaqqas tal-prodotti l-aktar dannużi. Għalhekk, ir-Rapporteur jemmen li l-politika tad-dazju tas-sisa għandha tevita approċċ "kulħadd f'keffa waħda", u għandha tirrifletti l-profili tar-riskju relattivi b'mod proporzjonat.

Il-Kummissjoni introduċiet żewġ mekkaniżmi ġodda fit-TTD – l-indiċjar tar-rati minimi li jseħħ kull tliet snin u l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet. Ir-Rapporteur iqis li ż-żewġ għodod huma utli biex it-TTD tibqa' valida fil-futur. Ir-Rapport adatta l-għodda ta' indiċjar billi llimitaha għall-inflazzjoni bażi u billi introduċa limitu massimu ta' aġġustament massimu ta' 12 % għal prevedibbiltà aħjar. L-indiċi tal-livell tal-prezzijiet jiżgura determinazzjoni aktar ġusta tar-rati minimi abbażi ta' kemm huwa għoli l-livell ġenerali tal-prezzijiet fi Stat Membru partikolari. Ir-Rapporteur jaqbel ma' din il-loġika u ddeċieda li l-ponderazzjoni tal-indiċi tal-livell tal-prezzijiet fil-kalkolu tar-rata minima finali għandha tiżdied minn terz għal nofs.

Fl-aħħar nett, ir-Rapport jenfasizza r-rwol tal-perjodi tranżitorji biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-qafas legali l-ġdid. Ir-reġimi tranżitorji jippermettu lill-Istati Membri u lill-parteċipanti fis-suq jadattaw progressivament għal rati minimi miżjuda, u

b’hekk inaqqsu r-riskju ta’ tfixkil fis-suq u kummerċ illeċitu ogħla. Għalhekk, ir-Rapporteur iddeċieda li jestendi l-perjodu tranżitorju b’sena, sa tmiem l-2032.

Abbażi ta’ dan, ir-Rapport jipproponi aġġustamenti mmirati bil-għan li jissaħħu l-proporzjonalità, il-koerenza u l-effettività prattika tal-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ l-objettivi ewlenin tagħha.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1]li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Tobacco Europe AISBL, reg. number: 1496873833-97
European Cigar Manufacturers Association, reg. number: 92802501097-37
European Commission
Smoke Free Partnership, reg. number: 6403725595-50
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

11.12.2025

Is-Sinjura Aurore Lalucq
President
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
BRUSSELL

Subject: Opinjoni dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni) (COM(2025)0580 – C10-0207/2025 – 2025/0580(CNS))

Sinjura President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont l-Artikolu 113 dwar ir-riformulazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jipprevedi dan li ġej:

"Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli għas-suġġett b'dan.

F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 187 u 188, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli fi ħdan il-kumitat responsabbli għas-suġġett biss jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet.

Madankollu, emendi ta' partijiet tal-proposta li ma nbidlux jistgħu jiġu aċċettati, fuq bażi eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ, mill-president tal-kumitat responsabbli għas-suġġett inkwistjoni, jekk iqis/tqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-koerenza interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta mill-qrib ma' emendi oħra li jkunu ammissibbli. Dawn ir-raġunijiet irid jitniżżlu f'ġustifikazzjoni bil-miktub tal-emendi."

B'segwitu għall-opinjoni hawn mehmuża tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li eżamina l-proposta għal riformulazzjoni, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li l-proposta inkwistjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali u li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil sustanzjali, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-att eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-3 ta'

Diċembru 2025 u wasal għall-konklużjoni msemmija hawn fuq b'mod unanimu[1].

Dejjem tiegħek,

Ilhan Kyuchyuk
Mehmuża: Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Ilhan Kyuchyuk (President), Marion Walsmann (Viċi President), Mario Mantovani (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Maravillas Abadía Jover, Pascal Canfin, José Cepeda, Ton Diepeveen, Mario Furore, Mary Khan, Sergey Lagodinsky, Ilia Lazarov (għal Emil Radev skont l-Artikolu 216(7)), Lukas Mandl, Arkadiusz Mularczyk, Piera Pascale, Kira Marie Peter-Hansen, Gheorghe Piperea, René Repasi, Krzysztof Śmiszek, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Dainius Žalimas, Alessandro Zan.

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, is-6 ta' Ottubru 2025

OPINJONI
GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW
TAL-KUNSILL
TAL-KUMMISSJONI

Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)
COM(2025)0580 tas-16.7.2025 – 2025/0580(CNS)

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, u b'mod partikulari l-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fl-24 ta' Settembru 2025 kellu laqgħa ddedikata għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt dik il-laqgħa[2], b'riżultat tal-eżami tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li twassal għar-riformulazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ikkonkluda, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi l-ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda wkoll li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil sustanzjali, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test legali eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

F. DREXLER
Ġurikonsult

E. FINNEGAN
Ġurikonsult

D. CALLEJA CRESPO
Direttur Ġenerali

[2] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, li hija l-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.